# Festi f'Ġieħ iż-Żejtun Matriċi



*Kan. Dun Joe Abela*

**Sena Storika**

Is-sena 1616, eżattament 400 sena ilu, kienet storikament sena importanti għaż-Żejtun u Ħaż-Żabbar. Għall-parroċċa taż-Żejtun għaliex fl-10 ta' Jannar ta' dik is-sena, hija saret għall-ewwel darba parroċċa matriċi, u għal Ħaż-Żabbar għaliex hu sar parroċċa awtonoma, jiġifieri indipendenti miż-Żejtun li minnu nfired għalkollox. Mhux ta' b'xejn mela, li din is-sena saru festi kommemorattivi fiż-żewġ parroċċi ġirien, Santa Katarina fiż-Żejtun u l-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.

**Festi f'Ħaż-Żabbar**

Fil-paroċċa ta' Ħaż-Żabbar, il-festi bdew nhar is-Sibt 9 ta' Jannar 2016, meta **Dun Nikol Pace, Arċipriet taż-Żejtun, qaddes fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja bis-sehem tal-Kor Parrokkjali taż-Żejtun.** Dakinhar inzerta, li fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun, ġie mtella' kunċert mużikali mill-orkestra żagħżugħa nazzjonali, taħt il-patroċinju tal- Eċċelenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta. Iżda Dun Nikol irnexxielu jlaħħaq maż-żewġ attivitajiet! Nhar is-Sibt 16 ta' Jannar, **il-Wisq Reverendu Kan. Evan Caruana, Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar, qaddes fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun, bis-sehem tal-kor "Notre Dame"**, il-kor parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. Tassew li dawn kienu ġesti sbieħ li fihom intweriet **għaqda fraterna** bejn dawn iż-żewġ parroċċi, u mhux pika bla sens li sfortunatament ġieli tintwera f'okkażjonijiet bħal dawn. Il-Ħadd 10 ta' Jannar, sar marċ mill-baned Żabbarin, u filgħaxija l-Arċisqof Monsinjur C. Scicluna mexxa Quddiesa Konċelebrata fis-Santwarju, fejn wara nkixfet lapida.

**Ħadd in-Nies**

Bħallikieku dawn il-festi ta' Ħaż-Żabbar ma kinux biżżejjed, iż-Żabbarin riedu juru l-ferħ tagħhom b'mod aktar konkret. Riedu wkoll iroddu ħajr lill-Madonna tal-Grazzja b'mod aktar viżibbli. Ta' kull sena, nhar il-Ħadd wara Ras ir-Randan, iż-Żabbarin jorganizzaw **pellegrinaġġ ta' talb** biex ipattu għad-dnubiet li jsiru, mhux f'Ħaż-Żabbar biss, fil-ġranet tal-Karnival li jaħbtu qabel Ras ir-Randan. Dan il-Ħadd, li jissejjaħ Ħadd in-Nies, tant hu popolari fost il-Maltin u din is-sena ħabat nhar l-14 ta' Frar. Il-pellegrinaġġ ġie mmexxi mill-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Charles Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Iżda għaż-Żabbarin, dan ma kienx biżżejjed: riedu wkoll juru l-gratitudni tagħhom lejn il-Verġni Marija u għalhekk għamlu ħaġa mhux tas-soltu: **fil-pellegrinaġġ ħarġu wkoll l-istatwa devota u artistika tal-Verġni Mqaddsa tal-Grazzja.**




**Diffikultajiet fiż-Żejtun**

Għalkemm kien hemm min qal li l-parroċċa taż-Żejtun ma kellhiex biex tiftaħar, u wisq anqas ma kellha x'tiċċelebra li Ħaż-Żabbar sar parroċċa totalment indipendenti minnha, għaliex kull ma ġara kien **li naqset ħafna mill-estensjoni tagħha, kif ukoll naqset mill-popolazzjoni tagħha**, madankollu ż-Żwieten xorta waħda ħassew li kellhom x'jiċċelebraw. Għalhekk fiż-Żejtun ukoll saru festi kommemorattivi. Kien hemm min, għaliex mhux midħla tal-Istorja taż-Żejtun, ma setax jifhem x'kien qed jiġri. Mar jgħid li l-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun inbniet snin wara l-1616. Allura kif Ħaż-Żabbar ħareġ minnha? Ma kienx jaf li **fl-1616, il-knisja parrokkjali taż-Żejtun ma kinitx dik preżenti, iżda dik li għalkemm aħna nsejħulha "Ta' San Girgor"**, fil-fatt hi ddedikata lil Santa Katarina. M'hemmx dubju li min ħareġ b'dawn id-dubji, għamel hekk, jew għaliex jaqa' u jqum mill-ġieħ taż-Żejtun, jew għaliex hu wisq sajjem dwar l-Istorja Ekkleżjastika tal-parroċċa tagħna!

**Festi fiż-Żejtun**

Nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar 2016, Jum l-Anniversarju tal-400 sena Matriċi tal-Parroċċa taż-Żejtun, **Dun Nikol Pace, Arċipriet taż-Żejtun qaddes fil-Knisja l-Antika ta' Santa Katarina (San Girgor), hawn fiż-Żejtun, bis-sehem tal-Kor Parrokkjali**. Kienet ħaġa xierqa li l-festi fiż-Żejtun jibdew minn din il-knisja parrokkjali qadima, peress li kien minnha li Ħaż-Żabbar inqata'.

Il-festi fiż-Żejtun laħqu l-quċċata tagħhom nhar il-Ħadd 17 ta Jannar 2016. **Id-dilettanti Żwieten żejnu l-knisja parrokkjali** preżenti bil-pavaljuni tad-damask, il-lampier tal-fidda li soltu jiddendel fil-festa annwali ta' Santa Katarina, żejnu l-artali kollha u wkoll billi **ħarġu fil-knisja l-vara ta' Santa Katarina.** Filgħaxija, il-Gudjan Monsinjur Carmelo Zammit, Vigarju Ġudizzjali tad-Djoċesi ta' Malta, mexxa Quddiesa Konċelebrata. Il-mużika kienet f'idejn il-"Cappella Diacono" taħt id-direzzjoni tal-bravu **Surmast Ray Sciberras**. Ta' min jgħid li din kienet l-ewwel darba li Maestro Sciberras idderieġa din l-orkestra bħala s-Surmast uffiċjali tagħha, wara r-riżenja ta' Dun Ġwann Galea. Il-mużiċisti mgħejjuna minn kor femminili, **libsu l-uniformi**, ħaġa mhux tas-soltu. F'din il-Quddiesa, minbarra l-Arċipriet u saċerdoti oħra miż-Żejtun, ħadu sehem ukoll l-Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar, Monsinjur Alfred Vella, ex-Arċipriet taż-Żejtun, Dun Anton Galea Scannura, kappillan ta' Birżebbuġa, u saċerdoti oħrajn. Attendew l-Onoreveli Owen Bonnici u s-Sur Joe Attard, Sindku taż-Żejtun. Tqassmu Santi ta' Santa Katarina bħala tifkira. Fl-aħħar, l-Arċipriet taż-Żejtun irregala l-ktieb tiegħi, **"Il-Parroċċa taż-Żejtun matul iż-Żminijiet"** lill-Vigarju Ġudizzjali. Bħas-soltu, l-Arċipriet iċċajta meta qallu li hu kien se jirċievi dan il-ktieb fi ftit ħin, imma jien, l-awtur, kont ħadt żmien twil biex nirriċerkah u niktbu! Kienet ċajta f'waqtha li jien apprezzajt ħafna.

Għal din l-okkażjoni, il-Grupp Filateliku taż-Żejtun fi ħdan il-Kunsill Lokali, u l-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, ħadu ħsieb li jinħarġu **żewġ bolol personalizzati**, żewġ kartolini postali u envelopp speċjali.

Matul is-snin, iż-żewġ parroċċi **żviluppaw u kibru flimkien**, bin-numru tan-nies ikompli jikber fit-tnejn li huma. Iż-Żabbarin ħadu ħsieb ikabbru l-knisja tal-Madonna bil-bini ta' waħda akbar fuq disinn ta' Tumas Dingli. L-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fl-1641, filwaqt li xi snin wara, **ż-Żwieten bnew knisja parrokkjali ġdida.**

